**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.**

**Illum il-Gimgha 3 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Justine Grech)**
**Vs**
**Giorgio Terranova**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Giorgio Terranova**, ta' 19 –il sena, iben Santino u Luisa xebba Figura, imwieled Ragusa gewwa Sqallija nhar l-14 ta' Marzu, 1997, residenti l-Stati Uniti d' l-Amerika No. 7 Pozzallo, Sqallija u detentur tal-karta ta' l-identita` AX0167882.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Gunju, 2016 u fil-granet ta' qabel din id-data:

a) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f' Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinananza Dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' kaz ta' htija l-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Ligi senjatament l- Artikoli 7 u 8 (d) tal-Kap. 101, kif wkoll l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ammissjoni tal-akkuzat u fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment tal-fatt illi l-ammont huwa deminimis u l-akkuzat kien gie Malta sabiex jahdem jumejn u ser jitlaq illum stess.

Fic-cirkostanzi ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, timmultah multa ta' €470.

Filwaqt li tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti elevati minn fuq l-akkuzat u li gew esebiti seduta stante.

Il-Qorti tordna wkoll lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjez peritali li l-Qorti giet infurmata li jammontaw ghal €100.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur.**